# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar l-Erbgha 11 ta' Mejju 2016**

**Mandat Numru : 552/2016/1 JPG**

**Il-Perit Hector Zammit A&CE (ID 370966M)**

**Vs**

**Mark Piscopo (ID 245569M**
**imwieled Pieta' u residenti Floriana)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-12 t'April 2016 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratwitu xi proprjeta' u b'mod partikolari*

*Il-flat internament immarkat bin-numru tlieta (3) sitwat fir-raba' sular (third floor level) fil-blokk ta' flats bin-numru wiehed u tletin (31) Triq Antonio Agius gja' Triq il-Gdida, Floriana bil-boxroom li ghandu bhala intrata bieb bejn il-flat numru tnejn (2) u tlieta (3), bid-dritt tal-kwart ($^1/_4$) indiviz fi pjena u assoluta proprjeta' tal-partijiet komuni, tal-belt u tal-blokk kollu inkluzi l-intrata it-tarag u l-indani l-imsemmi flat huwa sottopost ghall-bejt tal-blokk u sovrastanti beni ta' terzi u jgawdi w huwa soggett*

*ghal dawk is-servitujiet naxxenti minn natura tal-posizzjoni tieghu, liberu w frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu ;*

*Illi permezz ta' tali inibizzjoni, l-intimat ghandu wkoll jigi mizmum milli jipoteka, jaggrava jew johloq xi titolu, kemm reali u/jew personali fuq il-proprjeta';*

*Illi jekk dan il-mandat ma jigix milqugh, id-drittijiet tar-rikorrenti ser jigu ppregudikati irrimedjabbilment, peress illi l-kreditu dedott jigi eluz.*

*Ghaldaqstant,l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat."*

Rat id-digriet tat-12 t'April 2015 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza ghad-29 t'April 2016 f'12:00pm.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda prodotta mill-attur jirrizulta illi fl-24 ta' Gunju 2012 illi ha sehem f'maratona ta' *football* ghal gbir ta' fondi ghall-karita' li kienet saret fix-Xaghra tal-Furjana. Huwa xhed illi l-loghob kien mqassam fi tlett sezzjonijiet ta' *five a side*, kull loghba kienet ta' madwar ghoxrin minuta.

Wara li laghab l-ewwel loghba tieghu, r-rikorrenti rrealizza li l-lasti tal-*football* kienu qed jiccaqilqu b'modd "mhux normali" (a fol. 7). *"Ma kull daqqa ta' ballun bdew jitilfu l-post..."*Ghalhekk jaseb li l-lasti setghu ma kienux marbutin, ma kienux sodi u setghu jaghqu.

Fil-loghba li kien jmiss, fejn hu kien il-*goalkeeper,* mar biex jiccekkja l-lasti kienux marbuta kif suppost u l-lasta ghelbet fuqu.

Ir-rikorrenti spicca fl-ITU bi fratturi f'rasu u ghamel mill-inqas xahar l-isptar, (Vide fol. 38 u 39 Dok. AZ4) . Sallum ghadu qed jbaghti bil-konsegwenzi.

Il-Perit Zammit ezebixxa Dok. AZ1 sa 7 u kkonfermahom. Hu ezebixxa zewg rapporti medici tal-Konsulent Mario Said (a fol. 35 et seq.) li stabilixxa dizabilita' globali ta' 29% fejn l-griehi li sofra l-attur hallewh b'nuqqas ta' smiegh ta' 19%, parazlizi tal-muskoli tal-wicc (gravita VI fuq l-iskala House-Brackmann), diffikolta' biex joghmod u jibla' l-ikel, ugiegh persistenti fil-goghok tax-xedaq u insomnia persistenti.

Mistoqsi minn organizza din l-attivita', r-rikorrenti xhed illi kienet xi ghaqda ta' *sixth formers* ta' De La Salle u San Alwigi.

Mistoqsi ghaliex ma pprocediex kontra l-organizzaturi, r-rikorrenti xhed li haseb li ma kienux responsabbli tal-*ground* fejn gara l-incident. Huwa xhed illi pproceda kontra l-intimat ghaliex *"kien responsabbli mal-ground tal-football, li kien responsabbli, anke filfatt, kif kien iddikjara hu, huwa kien responsabbli li jiehu hsieb il-ground u li jiccekkja l-apparat illi huwa sod."*

Ir-rikorrenti xhed illi b'dan hu jifhem illi jekk ser jintuza apparat bhal lasti u xbieki, dawn riedu jkunu "safe" (a fol. 9).

Mistoqsi dwar il-kariga tal-intimat, ir-rikorrenti xhed illi sa fejn jaf hu, l-intimat kien mqabbad minn Green Investments biex jiehu hsieb *day-to-day running* tal-post, jiftah u jaghlaq il-*gate* u jiccekkja l-apparat. Ma kienx jaf jghid jekk l-intimat kienx impjegat *full time* jew *part time* mal-istess socjeta' (a fol. 10).

Mistoqsi la l-lasti dehru perikoluzi, ghaliex mar jiddendel maghhom, r-rikorrenti xhed illi hu mar jiccekkja jekk il-lasta kienitx marbuta u fil-fatt ma kellha ebda rbiet, la ma l-art u lanqas mal-hitan jew netting (a fol. 11).

L-intimat Mark Piscopo a fol. 12 xhed illi jahdem bhala *Security Guard* mal-Gvern ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena. Huwa stqarr illi hu minn dejjem kien *supporter* tal-Funjana u li Green Investments kienet tat il-*ground* b'xejn sabiex ssir attivita' biex jingabru flus ghall-fqar. Huwa qal illi Green Investments talbuh jmur jiftah il-*ground*. Il-gurnata kienet il-Hadd u kien ftiehem illi jmur jiftah biss u l-organizzaturi kellhom jaghlqu il-*ground*. Huwa xhed :*"Jien mort niftah dakinhar, raw li kollox sewwa bija b'kollox, kont hemmhekk. Lasti kollox sewwa u l-ftehim, u tlaqt 'l hemm jiena."*(a fol. 13).

L-intimat sostna illi huwa kien tenut jiftah il-*ground* biss u ghalhekk ma kienx responsabbli ghall-incident (a fol. 14).

A fol. 15 Piscopo xhed illi kien arma l-lasti l-gurnata qabel u dawn il-lasti kienu marbuta b'habel. Jinnega illi dan il-habel kien irqiq jew li kien hemm uhud mill-lasti mhux marbuta.

Piscopo xhed illi in segwitu tal-incident, Green Investments bdiet torbot il-lasti bil-ktajjen (a fol. 15) Huwa sostna illi l-hbula kienu ilhom hemm xi ghaxar snin (a fol. 16).

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju **"li ma jkunx jista' jigi irrimedjat".**

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus** meta dan jista' jithares bi proceduri kawtelatorji ohra**.** Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> ***"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi"*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003**.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti***

> ***hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda prodotta u applikati l-principji fuq enunzjati ghal kaz in ezami, l-Qorti m'hiex konvinta illi r-rikorrenti, almenu sal-grad tal-*prima facie*, jrenexxielu pprova l-jedd tieghu fil-konfront tal-intimat. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex kif fuq indikat "... ***jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***[1]

Il-Qorti rat illi dak li seta' qal l-intimat fl-istqarrija ma jistghax jittiehed bhala xhieda f'dawn l-atti ghaliex l-istqarrija ma gietx konfermata bil-gurament mill-Ispettur li quddiemu inghatat.

Apparti l-fatt li l-organizzaturi ma jikkonfigurawx fl-azzjoni principali (Vide rikors guramentat Dok. HZ1 a fol.28), l-provi prodotti f'din il-proceduri juru li l-intimat li kien jaghmel dan ix-xoghol *part time,* kellu dmir biss illi jiftah il-*ground* ghal din l-attivita' ghal gbir ta' fondi ghas-sorijiet ta' Mother Theresa.

---

[1] Vide **Grech pro et noe vs Manfre`** deciza fil-**14 ta' Lulju 1988** Ibid

Inoltre l-intimat xhed illi rabat l-apparat (il-lasti) bi hbula li-nghatawlu mis-socjeta' Green Investments u li l-organizzaturi ivverifikaw li kollox kien sew. X'seta' gara bejn il-ftuh tal-*ground* sal-hin li fih sehh l-incident mhux maghruf.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi r-rikorrenti ma rrenexxilux jipprova almenu sal-grad ta' *prima facie* l-jedd minnu vantat fil-konfront tal-intimat.

Maghdud ma dan il-Qorti, ghalkemm tissimpatizza mal-isfortuna tar-rikorrenti, ma tistghax tinjora l-fatt li tista' tinstab negligenza kontributorja fil-konfront tieghu, u dan, kif ukoll il-fatt illi l-bank gia ghandu ipoteka fuq il-fond, flimkien mal-fatt illi mart l-intimat ghandha sehem ta' nofs indiviz tal-istess proprjeta' jgieghel lill-Qorti tiddubita mhux biss mill-htiega ghal hrug tal-istess mandat izda addirittura l-utilita' tieghu.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad t-talba tar-rikorrenti ghal hrug tal-mandat kif mitlub.

Tirrevoka *contrario imperio* l-mandat sa fejn il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hi tal-fehma li jkun gust u ghaqli li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moghti kameralment fil-11 ta' Mejju 2016**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**